# 39.  Lill-Arja

Arja ħanina, fik ix-xemx qawwija
ta' raġġi u vitamini tiżra' ġidha;
bix-xbiehi tat-Ti Vi inti mhennija,
bin-noti ħelwa ta' kull daqqa ġdida;

Fik fewġ ta' baħar, benna fewweħija
ta' żahar u fjuri ssib kull ruħ marida;
bin-nifs tal-ħajja bik kull qalb mimlija;
'mma d-dinja wkoll għalik għandha theddida!

Fis-sħab bajdani li ġo fik jiġġerra
ta' l-istrontium l-ifrak diġa maħlula,
li jnanu u jimmankaw mill-ġuf l-ulied;

U l-bombi ta' l-idroġnu fl-eħrex gwerra
jistgħu jagħmluk vampjun; l-ibliet u r-rħula
iġagħluk taħraq, tagħmel bruġ ta' rimed!